GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦAS-SOLIDARJETÀ
U L-ĠUSTIZZJA SOĊJALI, IL-FAMILJA
U D-DRITTIJIET TAT-TFAL

# LINJI GWIDA: RAPPORTAR OBBLIGATORJU

## GĦALL-PROFESSJONISTI SKOND L-ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-MINURI (ĦARSIEN ALTERNATTIV) CAP. 602 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA

KUMITAT TEKNIKU
SETTEMBRU 2020

## DĦUL

Dan id-dokument għandu  l-għan li jkun ta' appoġġ lil professjonisti li jridu jiddeterminaw il-bżonn li ssir inkjesta għal ħarsien tat-tfal fuq bażi tal-informazzjoni disponibbli. Dan id-dokument m'għandux l-iskop li jissostitwixxi l-ġudizzju professjonali, iżda li jipprova joffri sistema li tista' tagħti appoġġ lil professjonisti biex jeżerċitaw id-diskrezzjoni tagħhom. Filwaqt li dan id-dokument maħsub biex jagħti appoġġ lill-professjonist biex jieħu deċiżjoniijet infurmatl u xierqa, dejjem hemm il-possibbiltà illi l-professjonist li jiġi f'dubju  jikkonsulta  sabiex jassigura ruħu li mhux qed jittieħed ebda risku fil-ħarsien tat-tfal.

Din il-gwida ssegwi rotta: fil-bidu toffri sezzjoni dwar l-eliġibbiltà, segwita minn sezzjoni dwar il-pożizzjonament ta' riskju  u tagħlaq b'sensiela ta' mistoqsijiet prattiċi li jistgħu jkunu ta' appoġġ lill- professjonisti biex jiddeterminaw il-periklu li jistgħu jkunu fih jew qegħdin fih it-tfal.

## SFOND

3

Ir-rapportar obbligatorju huwa kunċett fejn individwi partikolari, li spiss ikunu professjonisti li jkunu f'kuntatt ma' tfal f'kuntesti informali jew formali, huma obbligati bil-liġi li jirraportaw kull tagħrif jew suspetti serji ta' trattament ħażin tat-tfal.

It-trattament ħażin tat-tfal huwa ksur tad-drittijiet u l -benesseri tat-tfal, u huwa problema tas-saħħa pubblika  u ħarsien soċjali  li ġġib magħha  morbożità u mortalità sostanzjali. Il-Ħarsien tat-Tfal hija r-responsabbiltà ta' kulħadd: kemm tan-nies kif ukoll tal-istituzzjonijiet li jaħdmu għat-tfal u mat-tfal, u dawn għandhom jiżguraw li l-benesseri tat-tfal tiġi mħarsa.

L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huma marbuta bi trattati internazzjonali u Ewropej sabiex iħarsu, jirrispettaw u jippromwovu d-drittijiet tat-tfal[1]. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC) tagħraf il-fatt li t-tfal mhumhiex biss individwi bid-drittijiet tal-bniedem, imma minħabba l-vulnerabbiltà ntrinsika tagħhom jirrikjedu aktar ħarsien mill-Istat sabiex  jiġi żgurat li d-drittijiet ta' għajxien, żvilupp u benesseri tagħhom ma jiġux miksura[2]. Artiklu 19 tal-UNCRC jgħid li t-tfal kollha għandhom id-dritt li jiġu mħarsa mill-forom kollha ta' vjolenza fiżika u mentali, abbuż jew korriment, milli jkunu  mitluqa jew jiġu ttratati b'negliġenza, li jiġu ttrattati ħażin jew sfruttati  anki b'abbuż sesswali filwaqt li jkunu taħt kura tal-ġenitur(i), kustodu/ji legali jew kwalunkwe persuna li tieħu sehem fit-trobbija tat-tfal. Barra minn hekk tgħid espliċitament li l-Istat għandu r- responsabbiltà li jassigura miżuri  leġislattivi, amministrattivi, soċjali u edukattivi xierqa sabiex iħares it-tfal minn kull forma ta' abbuż.

1. Artikolu 1, Kapitolu 1 tal- Konvenzjoni Ewropea dwar l-Eżerċizzju tad-Drittijiet tat-Tfal
2. Preambolu tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal

## DEFINITIONS

**Abbuż u Trattament Ħażin tat-Tfal:** L-abbuż tat-tfal hija firxa ta' mġieba kumplessi li huma kaġun ta' ħsara lil minuri. L-abbuż u t-trattament ħażin tat-tfal huma ġeneralment assoċjati ma' epiżodji ta' vjolenza fiżika; azzjonijiet sesswali mhux xierqa fuq minuri; negliġenza fuq minuri; u epiżodji ta' tmaqdir, umijazzjoni u derogazzjoni emozzjonali fuq minuri; sfruttament sesswali, mutilazzjoni ġenitali femminili, espożizzjoni  għall-vjolenza jew riskju ta' vjolenza; mard ikkawżat minn invenzjoni; żwieġ sfurzat; abbuż onlajn; traffikar tal-bnedmin; tħaddim tat-tfal; et ċetera.

L-abbuż tat-tfal jista' jsir permezz ta' kummissjoni jew bħala att jew b'omissjonijiet ċari tal-kura neċessarja għall-ħarsien u l-iżvilupp tal-minuri. L-awturi tal-abbuż jistgħu jkunu adulti jew minuri oħra li jistgħu jkunu jew ma jkunux miżmuma kriminalment responsabbli skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-abbuż jista' jkun azzjoni ta' ħsara li hija diretta lejn minuri, jew azzjoni ta' ħsara ntiża biex tweġġa lil persuna li ssir indirettament permezz ta' minuri.

**Ħsara Sinifikanti:** Ħsara sinifikanti f'dan id-dokument hija ntiża li għandha l-istess tifsira hekk kif provdut fl-Artiklu 9(4) ta' Cap. 602.

**Minuri:** It-terminu minuri jfisser kull tifel jew tifla taħt l- età ta' tmintax-il sena (18).

**Fatturi ta' Protezzjoni:** Fatturi ta' protezzjoni huma kull azzjoni meħuda bis-saħħa tar-responsabilltà ta kura tal-persuna involuta fit-trobbija jew ġenitur, li hija ċarament mmirata lejn l-aqwa nteress tal-minuri (per eż. L-ingaġġ ta' servizzi mediċi universali), jew kull fattur ieħor preżenti fl-ambjent ċirkostanti tat-tfal jew fit-tfal infushom li jservu biex isaħħu r-reżistenza  u s-sigurtà tagħhom.

**Pari:** It-terminu pari se jiġi wżat biex jirreferi għal grupp soċjali li huwa ta' età bejn wieħed u ieħor viċin u liema parteċipanti jaqsmu esperjenzi u nteressi simili.

**Dokument Importanti ta' Sostenn:**
Kodiċi Kriminali CAP. 9 tal-Liġijiet ta' Malta[3]



3. https://legislation.mt/eli/cap/9/mlt/pdf

## IL-ĦARSIEN TAT-TFAL

L-Att tat-2020 dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv) juri l-impenn tal-Istat lejn il-ħarsien tat-tfal f'Malta kontra kull forma ta' trattament ħażin. Dan l-Att jintroduċi l-kunċett ta rapportaġġ mandatorju fejn il-professjonisti li jaħdmu mat-tfal, jew li jaħdmu f'kuntest fejn jistgħu jinfluwenzaw t-tfal (per eż. parent coaching) għandhom dejjem jaġixxu fl-aqwa interess tat-tfal u huma obbligati li jirraportaw fejn hemm tħassib li xi tfal jinsabu f'riskju sinifikanti ta' ħsara.

It-tfal ikunu mħarsa sew meta l-professjonisti huma ċari fir-rwol u r-responsabbiltajiet tagħhom fir-rigward tar-rapportaġġ mandatorju tat-trattament ħażin tat-tfal. L-iskop ta' dan id-dokument mhuwhiex biex jissostitwixxi il-ġudizzju professjonali anzi, l-iskop huwa li jagħti appoġġ lil professjonisti biex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-diskrezzjoni tagħhom meta jiddeċiedu x'inhi l-aħjar azzjoni li għandha tittieħed biex jiġu ndirizzati sospetti raġonevoli jew tagħrif ta' trattament ħażin tat-tfal li jkunu ltaqgħu magħhom tul xogħolhom. F'każ ta' dubju, huwa dejjem aħjar li jiddiskutu kull tħassib ma' kwalunkwe membru tal-leadership team fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal, permezz ta' telefonata, imejl jew personalment. Madankaollu l-prinċipju fundamentali huwa li hu fl-aqwa interess tal-minuri li kull min hu mħasseb dwar il-benesseri tat-tfal, għandu jagħmel riferiment.

5

L-iskop ewlieni tar-rapportaġġ mandatorju mhuwhiex li jiġu mħarrka l-caregivers iżda li jipprovdi intervent bikri mis-servizzi ta' ħarsien soċjali biex tingħata għajnuna lill-minuri vulnerabbli u jiġi evitat iktar abbuż, negliġenza u trawma.

## RIFERIMENTI

Kull rapport li jsir dwar kwalunkwe persuna li jaqbeż l-età ta' tmintax-il sena (18) jew li ma jirnexxilux jidentifika l-preżenza ta' lanqas ta' wieħed (1) mill-abbużi msemmja se jiġi meqjus bħala inkonsistenti ma' dawn il-linji gwida. Ghaldaqstant kwalunkwe sitwazzjoni simili għandha tiġi diretta lejn servizzi xierqa oħra u m'għadhomx jiġu riferuti lejn id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal (Child Protection Services- CPS).

Professjonisti li huma konxji jew għandhom suspetti fondati dwar minuri li qed jiġi trattat ħażin għandhom jimlew il-formola ta' riferiment li tinsab onlajn u jibgħatu kopja ffirmata lid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal li jinsab f'220, Cannon Road, Santa Venera.

Id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal se jfittex li jżomm l-identità tal-awtur u l-kontenut tar-rapport kunfidenzjali. Il-Liġi tistipula li l-professjonisti jirraportaw fl-aħjar interess tat-tfal, allura jagħmlu dan in buona fede, u huma mħarsa kontra kull forma ta' responsabbiltà legali. Iżda jekk jonqsu milli jagħmlu rapport dwar it-tħassib tagħhom u b'hekk jistgħu jipperikolaw il-benesseri tal-minuri, dan jiġi meqjus bħala reat kriminali skond l-artikolu 9 (4) ta' Cap. 602, apparti minn kull azzjoni dixxiplinari li tista' tittieħed skond

ir-regolamenti speċifiċi ta' kull professjoni. Il-liġi l-ġdida tfittex li tħares iktar lil min jagħmel ir-rapport billi sar reat li wieħed jaġġixxi b'mod aggressiv lejn individwu li qiegħed jiissodisfa r-responsabbiltà tiegħu/ tagħha taħt dan l-Att inkluż ir-responsabbiltà ta' rapportaġġ hekk kif spjegat.

## TRATTAMENT ĦAŻIN TAT-TFAL

Dan jista' jiġi definit b'mod ġenerali bħala kwalunkwe azzjoni ta' kommissjoni jew ommissjoni minn persuna f'pożizzjoni ta' poter, fiduċja jew responsabbiltà (dan jista' jinkludi nie involuti fit-trobbija tat-tfal, nies barranin kif ukoll tfal oħra) li jirriżulta fi ħsara  li tista' jkun kemm intenzjonali, kif ukoll mhux maħsuba.  It-trattament ħażin tat-tfal huwa tradizzjonalment kategorizzat bħala abbuż fiżiku (inkluż mard ikkawżat minn invenzjoni), abbuż emozzjonali jew psikoloġiku, abbuż sesswali u negliġenza. Dan l-aħħar ġew magħrufa wkoll forom oħra ta' abbuż fosthom mutilazzjoni ġenitali femminili (FGM), sfruttament sesswali u traffikar, tħaddim tat-tfal, prostituzzjoni, cyber grooming, aljenazzjoni tal-ġenituri, traffikar tal-bnedmin, et ecetera.

## ĦSARA SINIFIKANTI

L-Att tat-2020 dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv)[4] ġie emendat biex jinkludi definizzjoni wiesgħa tat-terminu 'ħsara sinifikanti' sabiex tinkludi abbuż, negliġenza, fastidju, trattament ħażin, sfruttament, abbandun, espożizzjoni, traffikar, biża ta' vjolenza, mutilazzjoni ġenitali femminili kif ukoll l-esperjenza u x-xhieda ta' vjolenza domestika. Ħsara sinifikanti hija għaldaqstant il-limitu previst li jżommu miegħu s-servizzi ta' ħarsien soċjali biex jintervjenu kif inhu dmirhom fil-ħajja familjari sabiex jipproteġu l-minuri.

Entitajiet individwali li jaħdmu mat-tfal għandhom ikollhom kriterji ta' limitu previst dwar meta każ ikun jistħoqqlu riferiment immedjat lis-servizzi soċjali u meta jkun jimmerta biss iktar konsultazzjoni. Fis-settur tas-saħħa per eżempju, il-professjonist jista' jirreferi għall-linji gwida bbażati fuq evidenza maħruġa minn- National Institute for Health Care Excellence (NICE) (https://www.nice.org.uk/guidance/cg89) illi joffru xenarji fejn għandu jiġi ssuspettat u fejn għandu jiġi kkunsidrat it-trattament ħażin tat-tfal. L-iskop ta' dan id-dokument mhuwhiex li jipprovdi lista eżawrjenti ta' xenarji bħal dawn, iżda li jiġu ppreżentati d-definizzjonijiet tal-kategoriji varji tal-abbuż u jiġu identifikati numru ta' indikaturi li jirriflettu ħsara sinifikanti sabiex jgħinu l-professjonisti biex jeżerċitaw il-ġudizzju professjonali tagħhom.

4. https://legislation.mt/eli/cap/602/eng/pdf

# KATEGORIJI U INDIKATURI TA' TRATTAMENT ĦAŻIN TAT-TFAL

### Abbuż Fiżiku

Forma ta' dan l-abbuż taf tinkludi li l-minuri jiġu msawwta, marbuta, mheżża, mwaddba, vvelenati, maħruqa jew mismuta, mgħarrqa, fgati jew li ssirilhom xi ħsara fiżika oħra. Il-ħsara fiżika tista' wkoll tkun kkawżata meta ġenitur jew persuna nvoluta fit-trobbija joħloq jew iwassal intenzjonalment għall-mard fil-minuri. Prattiki ta' ħsara bħal ma huma l-mutilazzjoni tal-ġenitali tan-nisa jikkaġunaw ħsara fiżika u għalhekk jikkonstitwixxu abbuż.

### Abbuż Sesswali

Meta minuri, anki tfal jiġu mġiegħela jew imħajjra biex jieħdu sehem f'attivitajiet sesswali li ma jinvolvux neċessarjament livell għoli ta' vjolenza, kemm meta l-minuri jkunu konxji ta' li qed jiġri u anki meta mhumhiex. Dawn l-attivitajiet jistgħu jinvolvu kuntatt fiżiku, attakk b'penetrazzjoni (per eżempju stupru jew sess orali) jew atti mhux penetrattivi bħal ma huma l-masturbazzjoni, bews, tmellis u mess. Dawn l-attivitajiet jafu jinkludu wkoll atti bla kuntatt bħal ma huma dawk fejn il-minuri jaraw jew ikunu nvoluti fil-produzzjoni ta' stampi sesswali, jaraw attivitajiet sesswali, jiġu mħajjra biex iġibu ruħhom f'mod sesswalment impropju jew li jiġu mrawwma bi preparazzjoni għall-abbuż (anki permezz tal-internet). L-abbuż sesswali ma jsirx biss minn irġiel adulti, iżda n-nisa wkoll u anki tfal oħra jistgħu jwettqu atti ta' abbuż sesswali.

### Sfruttament tat-Tfal

Din hija form ta' abbuż sesswali tat-tfal. Isseħħ meta individwu jew grupp ta'nies japprofittaw ruħhom minn żbilanċ fil-poter u jużaw sforz, manipolazzjoni u qerq lejn tfal jew minuri taħt it-18-il sena biex jinvolvuhom f'attività sesswali (a) bħala tpartit għal xi ħaġa li tkun tixtieq il-vittma u/jew (b) għal gwadann finanzjarju jew biex l-awtur jew faċilitatur jeleva l-istatus tiegħu/tagħha. Il-vittma tista' tiġi sfruttata anki meta l-attività sesswali tidher konsenswali. L-isfruttament sesswali tat-tfal mhux dejjem jinvolvi kuntatt fiżiku, jista' jseħħ ukoll bl-użu tat-teknoloġija.

### Abbuż Emozzjonali

It-trattament emozzjonali ħażin persistenti tat-tfal li jwassal għall-effetti severi u persistenti fuq l-iżvilupp emozzjonali u psikoloġiku tagħhom. Dan jista' jinkludi meta t-tfal jingħataw il-ħsieb li ma jiswew xejn, mhumhiex maħbuba, li huma inadegwati u li l-valur tagħhom huwa biss meta jaqdu l-bżonnijiet ta' ħaddiehor. Dan l-abbuż jista' jinkludi wkoll meta t-tfal ma jingħatawx l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom, jiġu mġiegħla jżommu ruħhom siekta jew jiġu rredikolati ( jiġu mwaqqgħin għaċ-ċajt għal kif jikkomunikaw jew għal dak li jgħidu). Jista' jseħħ ukoll meta jiġu mposti fuq it-tfal aspettattivi mhux xierqa għall-età jew żvilupp tagħhom. Jista' jinkludi wkoll interazzjonjiet li jmorru lil hinn mill-iżvilupp tal-kapaċitajiet u ħiliet tal-minuri, kif ukoll limitazzjoni fuq l-esplorazzjoni u protezzjoni żejda li ma tħallix lit-tfal jieħdu

sehem f'interazzjoni soċjali normali. Jista' jinkludi wkoll meta l-minuri jaraw jew jisimgħu it-trattament ħażin ta' ħaddieħor. Jista' jinvolvi l-bullying (inkluż is-cyber bullying), kawża ta' dan it-tfal iħossuhom ta' spiss fil-periklu jew mbeżża' jew li xi ħadd ieħor li jħobbu (inkluż annimal domestiku) jista' jkun fil-periklu jew isofri ħsara jekk jikxfu xi informazzjoni, jew jista' jinkludi l-isfruttament jew korruzzjoni tal-minuri. Xi livell ta' abbuż emozzjonali jinvolvi kull tip ta' trattament ħażin tat-tfal, iżda jista' jseħħ waħdu.

**Negliġenza**

Dan huwa l-falliment persistenti li jiġu milqugħa l-bżonnijiet bażiċi fiżiki, edukattivi u/jew psikoloġiċi tat-tfal. Dan il-falliment x'aktarx li jirriżulta f'indeboliment serju tas-saħħa u l-iżvilupp tat-tfal. Negliġenza tista' isseħħ waqt it-tqala bħala riżultat ta' abbuż tas-sustanzi minn naħa tal-omm. Wara t-twelid in-negliġenza tista' tinvolvi ġenitur jew persuna nvoluta fit-trobbija li jfallu milli jagħmlu dsak li ġej:

- jipprovdu ikel adegwat, ħwejjeġ u jagħtu kenn (inkluż l-esklużjoni mid-dar jew abbandun);
- iħarsu t-tfal mill-ħsara emozzjonali u mill-periklu fiżiku;
- jiżguraw superviżjoni adegwata (inkluż l-użu ta' caregivers); jew
- jiżguraw aċċess xieraq għal kura medika jew trattament. Dan jista' jinkludi miegħu negliġenza jew nuqqas ta' sensibilità għall-ħtiġijiet emozzjonali bażici tat-tfal; u
- jiżguraw li l-minuri jattendu entità edukattiva ladarba t-tfal jaslu għall-eta obbligatorja ta-iskola jew ifallu milli jiżguraw li t-tfal jilbsu sew u jkollhom dawk l-affarijiet li huma neċessarji għat-tfal matul il-ġurnata.

**Abbuż Indirett**

Dan it-tip ta' abbuż huwa kkaratterizzat mill-intenzjoni li ssir il-ħsara lil terza persuna permezz tal-minuri. Għalkemm is-soltu l-intenzjoni ma jkunx li issir ħsara diretta fuq it-tfal, hemm drabi fejn l-adult jista' juża t-tfal bħala strument biex jagħmel il-ħsara lil persuna oħra. Għalhekk il-minuri jgħaddi minn esperjenza negattiva għall-aħħar u/jew ċerti riskji. L-abbuż indirett huwa ġeneralment assoċjat mal-kuntest tal-aljenazzjoni tal-ġenituri fejn ġenitur bil-kustodja tal-wild juża regolarment strateġija ta' tmaqdir tal-ġenitur li m'għandux il-kustodja tal-wild bl-intenzjoni espliċita li ssir ħsara lil ġenitur l-ieħor. Għalkemm l-insulti u l-ħsara ma jkunux saru direttament lejn il-ġenitur li m'għandux kustodja, il-ġenitur bil-kustodja apposta, jew bla ma jkun jaf joħloq ħsibijiet negattivi u stressanti lejn il-ġenitur bla kustodja bl-intenzjoni li t-tfal jiżviluppaw antipatija lejhom. Meta l-abbuż indirett ikun serju, il-minuri jaslu fi stadju fejn jiċħdu l-ġenitur li m'għandux kustodja u jkollhom emozzjonijiet negattivi mhux ġustifikati lejhom.

# INDIKATURI POSSIBBLI TA' ABBUŻ JEW NEGLIĠENZA

### Negliġenza

- Ħwejjeġ mhux addattati jew inadegwati ripetutament, f'okkażjonijiet differenti
- Jidhru ma jifilħux jew jiżnu ħafna inqas min-normal, dejjem jidhru bil-ġuħ (ġa ladarba ikunu ġew esklużi kundizzjonijiet mediċi)
- Jiżviluppaw bil-mod ħafna fiżikament, dejjem jidhru għajjiena, bla ħeġġa u bla enerġija
- Jidhru maħmuġa u neqsin mill-iġjene minkejja diversi interventi
- Ifallu ta' spiss l-iskola mingħajr raġuni valida
- It-tfal ma jilħqux l-istadji importanti tal-iżvilupp u l-ġenituri ma jfittxux trattament mediku meta t-tfal jkunu ma jifilħux jew imweġġa'
- Nuqqas ta' superviżjoni tal-ġenituri u nuqqas ta' nvolviment fl-attivitajiet skolastiċi

### Abbuż Fiżiku

- Kwalunkwe ferita bħal ma huma tbenġil, marki ta' gdim, ħruq jew ksur ta' għadam fejn l-ispjegazzjoni mogħtija dwarhom mhijiex konsistenti mal-korriment
- Feriti mhux aċċidentali f'partijiet mhux mistennija jew li mhumiex tipiċi ta' inċidenti u feriti normali tat-tfal
- Frekwenza għolja ta' korrimenti
- Il-ġenituri ma jidhrux inkwetati jew ma jfittxux trattament mediku xieraq minn professjonisti differenti għal-feriti separati

### Abbuż Sesswali

- Ġħarfien sesswali jew imġieba li hija espliċita b'mod anormali u mhux f'postha fi tfal ta' dik l-età/ stadju tal-iżvilupp
- Mġieba sesswali ta' riskju li tinkludi wkoll involviment fi sfruttament sesswali (per eż. ma individwi ikbar fl-età)
- Masturbazzjoni kontinwa, eċċessiva u mhux xierqa
- Minuri li jibda jidher b'rigali li m'għandhomx spjegazzjoni jew affarijiet ġodda
- Sintomi fiżiċi bħal ma huma feriti jew skumdità fiż-żona ġenitali jew anali jew tbenġil, infezzjonijiet trażmessi sesswalment, tqala
- Sensazzjoni persistenti li ġisimhom huwa mkagħbar/maħmuġ

### Abbuż Emozzjonali

- Ittardjar fl-iżvilupp fil-kuntest ta' nuqqas ta' stimolu
- Problemi fir-rabta mal-ġenituri u nies oħra
- Jitwarrbu għalihom u awto-stima baxxa

**Indikaturi Indiretti ta'Abbuż u Negliġenza**

- Tibdil f'salt fl-imġieba
- Jitwarrbu għalihom u awto-stima baxxa
- Disturbi fil-komportament alimentari
- Ħsara diretta lejhom infushom
- Imġieba aggressiva lejn nies oħra
- Assenzi għall-għarrieda u bla spjegazzjoni mill-iskola
- Użu ta' droga/ użu irregolari tal-alkoħol
- Jaħarbu mid-dar/ ma jinstabux
- Moħqrija tal-annimali
- Biża li l-professjonisti jagħmlu kuntatt mal-ġenituri
- Biża li jmorru lura d-dar
- Meta jitħallew messaġġi ċari għall-adulti

**Attributi tal-Ġenituri**

- Użu ta' droga/ użu irregolari tal-alkoħol
- Diffikultajiet fit-tagħlim jew problemi fis-saħħa fiżika / mentali
- Vjolenza domestika
- Jevitaw il-kuntatt mal-iskola jew professjonisti oħra
- Storja kriminoġenika
- Involuti fil-prostituzzjoni

## GWIDA GĦALL-POŻIZZJONAMENT TA' RISKJU

Din is-sezzjoni ġiet ispirata mill-linji gwida NICE għall-ħarsien tat-tfal fil-qasam mediku. Dawn il-linji gwida joffru sistema sempliċi li turi b'mod ċar ħafna l-kors ta' azzjoni li għandu jittieħed kif ibbażat fuq l-informazzjoni disponibbli. Għall-iskop ta' dawn il-linji gwida, għandna nużaw il-mudell fuq tlett livelli li għandu jmexxi l-professjonist biex jieħu l-aqwa kors ta' azzjoni.

Kwalunkwe sitwazzjoni li tiġi kkategorizzata bħala **SUSPECT** mill-ġudizzju tal-professjonist għandha tiġi riferuta lid-Direttorat għall-Ħarsien  tat-Tfal.

Kull sitwazzjoni li tiġi kkategorizzata bħala **CONSULT** mill-ġudizzju tal-professjonist għandha tiġi meqjusa bħala sitwazzjoni li ma jistħoqqilhiex li tiġi riferuta awtomatikament lid-Direttorat għall-Ħarsien  tat-Tfal iżda li tkun tibbenefika minn iktar konsultazzjoni mas-Servizzi ta' Ħarsien tat-Tfal u punti ta' konsultazzjoni oħra.

Kwalunkwe sitwazzjoni li tiġi kkategorizzata bħala **NO REPORT** mill-ġudizzju tal-professjonist għandha tiġi meqjusa bħala sitwazzjoni li ma jistħoqqilhiex li tiġi riferuta awtomatikament lid-Direttorat għall-Ħarsien  tat-Tfal u li d-diffikultajiet misjuba fil-familja jkunu jistgħu jiġu riżolti b'mod aħjar, bl-użu ta' servizzi oħra li jinsabu fil-komunità u li huma iktar addattati.



**SUSPECT** – każijiet li jiġu misjuba suspect għandhom jiġu riferuti immedjatament uffiċjalment lid-Direttorat għall-Ħarsien  tat-Tfal permezz ta' formola  li għandha titwassal lil 220, Cannon Road, Santa Venera.

(1) Kwalunkwe sitwazzjoni li turi b'mod ċar, jew b'evidenza tal-possibiltà ta' l-okkorrenza ta' xi att  imsemmi fl-artiklu 216 (1) tal-Kodiċi Kriminali, Cap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

(2) Kwalunkwe sitwazzjoni li tissuġġerixxi riskji jew li turi xi theddid li sar lejn is-saħħa jew il-ħajja tal-minuri.

(3) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn il-minuri stess jirrappurtaw lilhom infushom bħala vittma ta' abbuż.

(4) Kwalunkwe sitwazzjoni li turi xejra ċara ta' ħsara letali jew mhux letali lejn minuri tul mhedda ta' żmien.

(5) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn persuna tiġġustifika l-att ta' abbuż b'mod miftuħ u dirett jew tiddikjara l-intenzjoni li tirrepeti l-azzjoni ta' abbuż.

(6) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn huwa magħruf li  l-minuri taħt l-età ta' sittax-il sena (16)  ġie involut f'attività sesswali.

(7) Kwalunkwe epiżodju fejn hemm evidenza li l-ġenitur/i jew peruni nvouti fit-trobbija jkunu ħolqu xhieda falza biex jagħtu spjegazzjoni tal-feriti tal-minuri.

(8) Kwalunkwe sitwazzjoni li turi xejra ta' negliġenza b'omissjoni jew li tirriżulta fi ħsara fis-saħħa fiżika, mentali u emozzjonali tal-minuri.

(9) Kwalunkwe sitwazzjoni li turi xi ftehim illegali ghal fostering jew addozzjoni.

(10) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn jiġi kkonfermat li t-tfal taħt l-età jkunu nfettati b' gonorrhoea, chlamydia, syphilis, genital herpes, hepatitis C, HIV, trichomonas jew kwalunkwe mard trasmess sesswalment b'att ovvju ta' abbuż sesswali sakemm m'hemmx evidenza ċara li dan ikun ittieħed mill-omm għall-wild waqt it-twelid jew b'kontaminazzjoni tad-demm.

(11) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn ġenitur jew persuna nvoluta fit-trobbija ma jkunux jistgħu jispjegaw feriti sinifikanti bħal ma huma ksur, laċerazzjoni (tiċrit) jew ħruq sinifikanti.

(12) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn tidher imġieba sesswali annormali jew ta' sfida li ma tkunx xierqa għal-età tal-minuri. Bħal meta tfal li għadhom m'għaddewx mill-pubertà juru jew ġew rrapportati li wrew mġieba ta' xeħta sesswali ripetuta jew sfurzata, jew ċerta tħassib (bħal per eżempju diskors sesswali assoċjat ma konoxxjenza, imitazzjoni ta' attività sesswali ma' tfal oħra); meta l-imġieba sesswali tat-tfal jew persuni taħt l-età jkun indiskriminat, prekoċi jew sfurzat; jew jekk tfal li ma jkunux żviluppaw juru jew jiġu rrapportati li wrew imġieba sesswali mhux normali bħal per eżempju kuntatt orali-ġenitai ma' tfal oħra jew pupi; jitolbu li jitmessew fiż-żona ġenitali; idaħħlu jew jipprovaw idaħħlu oġġett, swaba jew pene fil-vaġina jew anus ta' tfal oħra.

(13) Jekk ikun magħruf li l-minuri jkunu f'riskju ta' mutilazzjoni ġenitali femminili; żwieġ taħt l-età; espożizzjoni għal vjolenza; espożizzjoni għal riskju ta' vizzjijiet; prostituzzjoni; traffikar tal-bnedmin; tħaddim tat-tfal; mard ivvintat; et cetera.



**CONSULT** – każijiet li jiġu misjuba consult għandhom jiġu diskussi ma' kull superjuri li jista' jkun ta' appoġġ għal deċiżjonijiet dwar ħarsien tat-tfal u anki kwalunkwe membru tal-Leadership Team tad -Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal, kemm b'telefonata, b'imejl jew wiċċ imb'wiċċ.

(1) Kwalunkwe sitwazzjoni li turi biċ-car epiżodji ta' abbuż iżda fejn il-persuna il qed tagħmel il-ħsara turi impenn lejn pjan ta' azzjoni biex jinbidel dan l-aġir.

(2) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn jidher li hemm xi prova ta' ħjiel ta' abbuż (per eż. tbenġil), imma fejn ikun hemm fatturi pożitivi oħra (per eż. prova ta' imhabba) li tidher qed toħloq stampa kontradittorja.

(3) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn l-abbuż jidher li qed jitwettaq bi twemmin żbaljat tal-ġenituri (per ez. li s-swat tat-tfal isir biex titnissel id-dixxiplina fihom hija ta' spiss maħsuba bħala att ta' mħabba).

(4) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn minuri taħt l-età ta' sittax-il sena (16), jkun magħruf li jkollhom tendenza jisfidaw, ta' spiss jipparteċipaw f'attivitajiet sesswali fejn il-kunsens jista' jkun jew jista' ma jkunx ingħata.

(5) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn minuri taħt l-età ta' sittax-il sena (16), jkunu rriżultaw pożitivi għat-test tat-tqala.

(6) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn minuri li għandhom iktar minn sittax-il sena (16), isostnu li jkunu taw il-kunsens tagħhom lil sieħeb li ma jidhirx li hu ta' mparhom u li jidher qed jisfrutta l-minuri sesswalment.

(7) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn il-ġenitur/i jew persuna/i nvoluti fit-trobbija ma jkunux jistgħu jwieġbu għall-bżonnijiet tal-minuri billi jagħtuhom struttura stabbli, u ma jipprovdux għal ħtiġijiet u bżonnijiet emozzjonali tagħhom.

(8) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn l-impenn lejn il-proċess ta' trattament huwa preżenti iżda m'hemm ebda progress jew il-progress iseħħ bil-mod (per eż. il-missier jattendi perpetrator's programme bla ma jfalli, iżda jibqa' juża vjolenza d-dar).

(9) Kwalunkwe sitwazzoni fejn il-minuri juri stat depressiv elevat li jkun relatat ma' kwalunkwe forma ta' trattament ħażin u jirraporta diffikultà fil-ħajja ta' kuljum

(10) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn il-minuri juri t-telf għall-għarrieda ta' ħiliet tal-iżvilupp mingħijr ebda spjegazzjoni medika. F'dawn iċ-ċirkostanzi wieħed għandu jħares lejn ix-xejra ta' mġieba u regressjoni fl-iżvilupp li huma marbuta sew ma' forom differenti ta' abbuż (per eż. tfal ta' 12-il sena li juru inkontinenza waqt l-irqad).

13

(11) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn hemm rata għolja ta' assenzi u ma jkun sar ebda progress bl-intervenzjoni tas-servizzi edukattivi.

(12) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn hu magħruf illi l-minuri jkun qed jisraq, jaħżen jew jaħbi l-ikel biex ikun jista' jieklu iktar tard, mingħijr ma jkun hemm ebda spjegazzjoni medika.

(13) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn ikun osservat li l-minuri jilbes ilbies mhux addattat jew ħwejjeġ li dejjem ikunu maħmuġin.

(14) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn il-minuri jilmenta b'sintomi li jistgħu jkunu relatati ma' mard mentali bħal ma huma lmenti repetuti dwar problemi ta' saħħa jew uġieħ fejn ma jidhrux li għandhom kundizzjonijiet fiżiċi apparenti.

(15) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn il-minuri juri tibdil ta' piż b'rata mgħaġġla u fi żmien qasir, u fejn ikunu ġew esklużi kawżi mediċi.

(16) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn jidher ċar li jkun hemm baraxx ta' messaġġi negattivi mgħoddija lit-tfal minn ġenitur li għandu kustodja tat-tfal bl-intenzjoni li tbiegħed it-tfal mil-ġenitur li m'għandux kustodja.

## NO REPORT

(1) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn l-individwu ndikat/ effettwat ikun għalaq l-età ta' tmintax-il sena (18).

(2) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn ma tkunx manifestata ta' lanqas FA waħda (1).

(3) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn tidher li qed tiġi segwita sew u mil-viċin mis-servizzi universai jew tal-komunità u li għaldaqstant għalkem hemm xi FA preżenti, jkun jidher li diġa hemm impenn ta' pjan ta' trattament u evidenza li tissuġġerixxi li l-familja għandha l-ħila u r-rieda li tilħaq l-għanijiet terapewtiċi.

(4) Kwalunkwe sitwazzjoni fejn jidher li feriti sinifikanti, mġieba u/jew mard għandhom ġustifikazzjoni leġittima u raġjonevoli.

# IKTAR REFERENZI

**1.United Nations. Convention on the rights of the child 1989.**
http://www.ohchr.org/EN/ProfessionalInterest/Pages/CRC.aspx.

**2.European Commission. An EU Agenda for the Rights of the Child, Brussels 2011.**
http://ec.europa.eu/justice/policies/children/docs/com_2011_60_en.pdf.

**3. United Nations. General Comment No. 13: The right of the child to freedom from all forms of violence 2011.**
http://www2.ohchr.org/english/bodies/crc/docs/CRC.C.GC.13_en.pdf.

**4. Minor Protection (Alternative Care) Act, 2019. ACT No. XXIII of 2019.**
http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lp&itemid=29676&l=1

**5. The Department of Education. Working Together to Safeguard Children: A guide to inter-agency working to safeguard and promote the welfare of children 2018.**
https://assets.publishing.service.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment_data/file/779401/Working_Together_to_Safeguard-Children.pdf

**6. Camden Safeguarding Children partnership  Multi-agency thresholds and assessment guidance 2019.**
https://cscp.org.uk/wp-content/uploads/2019/11/CSCP-multi-agency-threshold-and-assessment-guidance-Oct-19.pdf

**7. National Collaborating Centre for Women's and Children's Health. When to suspect child maltreatment, National Institute for Health and Clinical Excellence. Manchester, United Kingdom 2009.**
http://www.nice.org.uk/guidance/cg89

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦAS-SOLIDARJETÀ
U L-ĠUSTIZZJA SOĊJALI, IL-FAMILJA
U D-DRITTIJIET TAT-TFAL

familja.gov.mt